**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 63/07**
It-Tnejn 20 ta' Frar 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Skużat* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

63.1 Introduzzjoni mis-Sindku;
63.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2016;
63.3 Tmiem tal-laqgħa.

.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1 Introduzzjoni mis-Sindku

i. Is-Sindku s-Sur Paul Farrugia filwaqt li ta merħba lill-Accountant tal-Kunsill is-Sur Ramon Cutajar talbu sabiex jagħti spjegazzjoni *tal-Unaudited Financial Statements* għas-sena 2016.

## 2 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2016 li ser jiġu ppreżentati dak in-nhar tal-laqgħa u spjegati mill-Accountants

i Is-Sur Cutajar beda billi spjega li din is-sena reġgħet kienet ikkaratterizzata bir-riveżjoni fil-kontijiet ta' xogħol relatati mal-PPP u Resurfacing relatati wkoll ma' xogħol ta' PPP.

ii Is-Sur Cutajar kompla jispjega li s-sena li għadha kemm intemmet kien hemm tnaqqis konsiderevoli fl-ispejjeż tal-Operat tal-Kunsill. Bħala sena kienet pożittiva u l-Kunsill għamel dak li jissejjaħ *Accounting Profit*. Dan jirriżulta peress li l-Kunsill kellu iktar dħul ta' flus milli spejjeż.

iii. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li l-Kunsill għamel provision for bad debts għal €10,295 li għandu dovuti mill-WSC. Dawn il-bilanċi huma antiki u jista' jkun li l-WSC ma tonorax l-obbligi tagħha.

iv. Is-Sur Cutajar qal li s-saħħa tal-Kunsill titkejjel mill-Financial Indicator li suppost skond il-Financial Regulations trid ikun 10% tal-Allokazzjoni Annwali tal-Kunsill. Dan il-Kunsill din is-sena rnexxilu jerġa jiġi fil-pożittiv. Il-Kunsill temm is-sena 2016 b'Financial Indicator ta' madwar 60%.

v. Is-Sur Cutajar kompla jispjega li għal sena oħra reġa ma sarux l-Financial Statements tal-5 aside ground. Apparti minnhekk dħul mhux qed ikun hemm filwaqt li l-Kunsill Lokali qiegħed waħdu jħallas il-kontijiet fosthom tal-Arms. Dawn il-kontijiet u spejjeż oħra li jista jkun hemm suppost jitħallsu 50% il-Kunsill Lokali u 50% Cassar Ship Repair.

vi. Is-Sindku s-Sur Paul Farrugia rringrazzja *lill-Accountant,* is-Sur Ramon Cutajar ta' l-ispjega dettaljata li taw fuq *unaudited financial statements.*

vii. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li *l-unaudited financial statements* għas-sena 2016 jiġu approvati kif ipprezentati. Il-Kunsilliera kollha preżenti vvutaw kollha favur. *L-unaudited financial statements* għas-sena 2016 ġew approvati. Kopja ta' dawn *l-unaudited financial statements* tinsab annesa ma' dawn il-Minuti.

## 3 Għeluq tal-Laqgħa

i Il-laqgħa ntemmet fil-18:00pm.

Iffirmat

______________________

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

Iffirmat

______________________

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**